**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Mejju 2024**

**Rikors numru: 96/2023 MLF**

**Christian Vella**

**vs**

**Charlene Grech Farrugia**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Charlene Grech Farrugia fejn esponiet illi nhar it-18 ta' Gunju 2022 omm ir-rikorrenti kienet accettat ittra ufficcjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gewwa d-dar residenza taghha u cioe 7, Sqaq it-Torri, Nru 1, Qrendi.

    1. Illi r-rikorrenti ilha snin ma tabitax ma' ommha u tabita ghal rasha mal-wild taghha bl-ahhar indirizz ikun Block A, Flat 2, St. Martin Flats, Triq San Martin, Zurrieq u dan kif jista facilment jigi kkonfermat mir-registru elettorali/agenzija Identity Malta u anke mill-istess ittra ufficcjali mertu ta' din il-procedura.

    2. Illi ghandu jinghad ukoll li r-rikorrenti kienet f'relazzjoni fissa mal-intimat Christian Vella ghal diversi snin pero kien zvolga argument bejn il-kontendenti u l-intimat kien telaq mid-dar ta' abitazzjoni tar-rikorrenti b'dan illi ftit granet qabel saret l-imsemmija notifika fid-dar residenza ta' ommha, kien rega mar lura mar-rikorrenti qisu qatt ma gara xejn bejniethom.

3. Illi appena r-rikorrenti giet mghoddija lilha l-imsemmija ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A, hija wrietha lill-intimat li ha l-istess fil-kustodja tieghu u assigura lir-rikorrenti sabiex isserrah rasha ghax kien ser jiehu hsieb kollox hu tramite l-konsulent legali tieghu.

4. Illi r-rikorrenti ma kienet semghet xejn aktar dwar din l-ittra u l-intimat, circa xahrejn fuq l-ittra, rega qala argument mar-rikorrenti u temm ir-relazzjoni tieghu minn maghha.

5. Illi dan l-ahhar, ir-rikorrenti giet mgharrfa mill-bank li kien inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontriha permezz ta' "garnishee order advice" ghall-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) oltre imghaxijiet u spejjez, fejn hija ntebhet b'dak kollu li kien sehh.

6. Illi r-rikorrenti qatt ma giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 1467/2022 mahrug mill-Qorti Civili Prim'Awla.

7. Illi is-subinciz tnejn (2) tal- Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa Artikolu drakonjan, bl-istess mod, ir-rekwiziti li jimponi fuq id-debitur, ghandhom ukoll jigu interpretati b'mod rigoruz ghall-validita tal-istess att fil-konfront tal-kreditur ghal liema raguni, kull dipartenza minn tali rekwizit, ghandu, b'mod awtomatiku, jgib in-nullita' tal-istess att.

8. Illi t-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat a tenur tal-Artikolu 166A ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti huwa soggett ghal diversi nuqqasijiet fosthom:

    i. In-notifika tal-ittra ufficjali ai fini tal-Artikolu 166A ma gietx notifikata skont il-Ligi stante illi, kif jirrizulta mill-istess att, id-dar tar-residenza tar-rikorrenti dak iz-zmien li saret n-notifika ma kinitx 7, Sqaq it-Torri, Nru 1, il-Qrendi izda Block A, Flat 2, St.Martins Flats, Triq San Martin, Zurrieq u l-intimat kien jaf b'dan l-indirizz tal-ahhar.

       F'dan ir-rigward, l-Art. 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola b'mod car rigward fejn u ma' min tista tithalla notifika u bl-ebda mod ma jikkonsidra notifika bhala valida meta din tithalla ma' membru tal-familja li ma jabitax

fl-istess lok ta' residenza bhal min ghandu jigi notifikat. In-notifika kellha ssir fid-dar residenza tar-rikorrenti u mhux fejn kien konvenjenti ghall-intimat.

Fil-kaz ta' ittra ufficjali a tenur tal-Art. 166A, lanqas il-procedura ta' affisjoni ma hi permessa. Il-ligi tirrikjedi li tinghata f'idejn id-debitur personalment u mhux bhal ma gara fil-kaz odjern fejn intbaghtet fir-residenza ta' ommha li tabita circa (3) kilometri l-boghod minnha.

Ghalhekk jirrizulta ksur tal-Art. 166A (2) stante li ma gietx servuta fuq l-intimata (hawn rikorrenti) kif jitlob u jistipola l-Art. 187 tal-Kap 12 li jirrendi l-istess notifika nulla.

ii. Illi l-intimat, fl-ittra ufficjali li ntavola ai termini tal-Art. 166A jahlef u jiddikjara li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jikkonsisti f'self brevi manu fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) kif minnu pretiz.

Illi din id-dikjarazzjoni hija wahda totalment falza u skoretta stante illi:

a. Ma hux minnu li l-intimat silef brevi manu l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) kif minnu pretiz.

   Kif jirrizulta minn Dok CGF1 hawn anness is-somma mghoddija lill-esponenti mill-intimat kienet ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u mhux ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) u dan mhux b'self brevi manu izda b'att ta' donazzjoni rrevokabbli u li ghalhekk dan l-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000), formanti parti mil-allegata somma dovuta wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500), ma tista' qatt tkun dovuta.

b. Illi r-rikorrenti qatt ma sselfet ir-rimanenti bilanc ta' hdax il-elf u hames mitt ewro (€11,500) kif jallega l-intimat u ghandu jressaq evidenza f'dan is-sens.

Illi dawn iz-zewg istanzi jikkonstitwixxu zewg infrazzjonijiet gravi ta' dak rikjest' ad validitatem, mill-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta wkoll li l-intimat ha gurament falz li bla dubju jirrendi nulla u ineffettiva l-procedura taht l-Art 166A ta' Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta stante li l-ammont la hu cert, la likwidu u wisq anqas dovut u lanqas ma hu realistiku ghar-raguni li l-unika parti li verament l-intimat ikkontribwixxa din kienet permezz ta' donazzjoni rrevokabbli.

Illi ghalhekk il-procedura adotta permezz ta' dik stabbilita ai fini tal-Artikolu 166A hija wahda nulla ab initio u dak li hu null sa mill-bidu tieghu ma jista qatt jigi sanzjonat.

c. Illi wkoll, u dan kif jista jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il procedura, l-intimat akwista t-titolu ezekuttiv permezz tal-procedura, 166A b'ingann u raggiri u dan billi, ghall-iskop malinn tieghu, sewwa kull differenza li seta kellu mar-rikorrenti ftit wara li ntavola l-procedura, ha f'idejh l-istess att, halla d-dekorriment tat-terminu ta' tletin (30) jum jeskadi minghajr m'ghamel xejn bil-kontra ta' dak li pprometta lir-rikorrenti, u rega kisser ir-relazzjoni tieghu minn mar-rikorrenti u dan ghax dak li kellu f'mohhu rnexxielu jiehdu.

Dan huwa agir skorret u kundannabbli u bla dubju jirrendi l-procedura nulla bla effet.

d. Illi gia gie spjegat, dan l-ahhar , u dan b'ko-indicenza, r-rikorrenti giet ghall-kurrent [sic] tal-fatt li l-intimat intavola mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrenti.

Illi dan il-mandat ta' sekwestru, ir-rikorrenti qatt ma gie notifikat bih.

Illi in segwitu ghar-ricerka mizmuma fir-registru tal-Qrati irrizulta li verament kien gie ntavolat dan il-mandat bin-numru 1467/2022 fil-Qorti Civili Prim' Awla u li minn analizi tieghu rrizulta li dan ukoll jindika, kontra dak stabbilit mill-Art 376(1) (a) tal-Kap. 12 li jirrikjedi li fuq il-mandat ikun hemm indikat l-indirizz tad-debitur, u cioe l-indirizz tar-rikorrenti u mhux ta' ommha.

e. Illi anke ghall-grazzja tal-argument, kieku dan il-mandat kien attwalment servut, tali notifika kienet tkun skoretta stante r-rikorrenti ma kinitx debitament notifikata b'kopja tal-mandat kif stipulat mal-Art 278 (1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. Illi wkoll, anke jekk ghall-mertu tal-argument, il-mandat kellu jigi kkunsidrat validu, dan ma kienx precedut b'ittra intimatorja kif rikjest mill-Art 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghal liema raguni l-effetti tal-mandat 5238/22 [sic], ai fini u effetti kollha tal-Ligi, ghandu jigi ddikjarat null u bla effett.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti Charlene Grech Farrugia talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra gudizzjarja bin-numru 54/2022 skont it-termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Christian Vella vs Charlene Grech Farrugia* u dan ai termini tal-Artikolu 166A (5)(i) u (ii) tal-istess Kapitolu;

2. Tiddikjara nulla u bla effett il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1467/2022 mahrug fl-istess ismijiet nhar il-31 ta' Ottubru 2022 mill-Qorti Civili Prim'Awla in esekuzzjoni tal-istess ittra ufficcjali fuq indikata.

U dan taht dawk il-provveidmenti li din il-Qorti jidrilha xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

2. Rat ir-risposta tal-intimat Christian Vella fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, qed jigi eccepit in-nullita ta' din il-procedura stante li procedura ai termini tal-Artikoli 166A tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta kellha titressaq mir-rikorrenti fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu. Illi r-rikorrenti addottat din il-procedura ferm wara l-ghoxrin jum li giet innotifikata bil-mandat ezekuttiv u dan kif ser jigi ampjament ipprovat fil-kors tal-kawza.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-notifika tal-ittra ufficjali saret b'mod validu u fil-fatt, kif ikkonfermat l-istess rikorrenti fir-rikors taghha, kienet propju ommha, membru tal-familja taghha, li giet innotifikata bl-ittra ufficjali, fl-indirizz postali tar-rikorrenti stess, kif inhuwa ampjament ipprovat mir-Registru Elettorali;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, anke jekk dato ma non concesso, ir-rikorrenti qed tallega illi dak ma huwiex l-indirizz postali taghha, li mhux il-kaz, hemm l-ammissjoni tal-istess rikorrenti li tikkonferma li fil-fatt hija giet debitament notifikata u nfurmata bl-istess ittra ufficjali. Konsegwentament, ladarba din il-Qorti hija komfortata b'dikjarazzjoni tal-istess rikorrenti illi fil-fatt l-ittra ufficjali waslet f'idejha, in-notifika ma tistax tigi attakata bhala irregolari;

4. Illi fir-raba lok minghajr pregudizzju ghal dak suespost, ma hemmx dubbju li r-rikorrenti qed tikkontesta din l-ittra ufficjali fuq ragunijiet ohra, u cioe' fuq il-mertu tal-kreditu. Illi bid-dovut rispett, din hija procedura specjali w trid tigi segwita in toto u ma tistax tigi wzata ghal dan l-iskop. Illi r-rikorrenti kellha tletin jum zmien minn meta rceviet l-istess ittra ufficjali sabiex tirrispondiha. Illi inoltre ma hijiex veritiera d-dikjarazzjoni giddieba tar-rikorrenti li l-intimat ha l-istess ittra ufficjali u qalilha illi ser jiehu hsieb kollox hu, fuq kollox, kien jinkombi fuqha sabiex taccerta li l-ittra ufficjali tigi mwiegba fi zmien stipulat. Tali nuqqas ma jistax jigi rimedjat b'din il-procedura, f'liema kaz ma kienitx tigi reza ezekuttiva.

   B'hekk, ir-ragunijiet mressqa mir-rikorrenti sabiex jigi mwaqqaf l-ezekuzzjoni taghha, w dan sabiex ma tibqax tgawdi minn titolu ezekuttiv, huma nfondati;

5. Illi finalment, it-talbiet kollha tar-rikkorenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

3. Semghet x-xhieda, rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*Eccezzjoni Preliminari: L-Irritwalita ta’ din il-Procedura stante li giet prezentata fuori termine*

5. L-intimat qed jeccepixxi preliminarjament l-irritwalita ta’ din il-procedura ghax qed jissottometti li r-rikorrenti ipprezentat ir-rikors promotur ta’ dawn il-proceduri ferm wara t-terminu ta’ dekadenza ta’ ghoxrin (20) gurnata minn meta giet notifikata bil-mandat ta’ sekwestru ezekutiv. Kemm fir-rikors promotur kif ukoll waqt ix-xhieda taghha r-rikorrenti insistiet li hi qatt ma giet notifikata bil-mandat ta’ sekwestru, imma saret taf bih tramite l-bank taghha.[1]

6. L-aqwa prova ta’ jekk u meta r-rikorrenti kienet notifikata bil-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni kienet tkun li tigi ezebita kopja ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru sabiex mir-riferti jista’ jigi konstatat min mill-partijiet qed jghid il-verita. Il-konvenut dan m’ghamlux u ghalhekk ma ippruvax l-allegazzjoni minnu maghmula.

7. Dan nonostante, din il-Qorti ghamlet tfittixija fir-registru ghal dan il-mandat, u mill-atti ta’ dan il-mandat fil-fatt jirrizulta li r-rikorrenti qatt ma giet notifikata bil-mandat.

8. Fid-dawl tas-suespost, l-intimat ma ippruvax l-allegazzjoni tieghu li dan ir-rikors gie ipprezentat *fuori termine*, u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tieghu qed tigi michuda.

[1] Ara fol. 61 tal-process.

*Nullita tan-Notifika tal-Ittra Ufficjali*

9. L-ewwel raguni ghalfejn ir-rikorrenti qed tallega li t-titolu ezekuttiv ottenut ghandu jigi annullat, huwa ghaliex qed tissottometti li n-notifika hija nulla ghax l-ittra ufficjali giet mibghuta fl-indirizz fejn tirrisjedi ommha, u mhux fl-indirizz fejn toqghod hi effettivament.

10. Pero in kontro-ezami r-rikorrenti ammettiet li l-karta tal-identita taghha ghada iggib bhala indirizz dak t'ommha u mhux dak tal-fond fejn effettivament qed tirrisjedi. L-Artikolu 187(3) jippreskrivi illi *"In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."* Ladarba r-rikorrenti ghazlet li mal-awtoritajiet kompetenti tindika l-indirizz ta' ommha bhala l-indirizz tar-residenza ufficjali taghha, ma hemmx dubbju li l-indirizz ta' ommha ghandu jitqies ghall-inqas bhala l-indirizz postali tar-rikorrenti. Ghalhekk l-intimat kien legalment korrett li jibghat l-ittra ufficjali f'dan l-indirizz, minkejja l-fatt li jirrizulta mill-provi li hu kien konsapevoli li dan l-indirizz ma kienx l-indirizz tar-residenza taghha. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-ittra ircivietha omm ir-rikorrenti Carmen Farrugia, li *a sua volta* tatha lir-rikorrenti ftit granet wara d-data li fiha ircevietha.

11. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2023, l-avukat difensur tar-rikorrenti irrilevat li l-ittra ufficjali in kwistjoni ma setghetx tigi reza ezekuttiva, stante illi fl-"Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata" mibgħuta lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, magħruf ukoll bħala l-pink card, ma jindikax d-data meta giet precizament notifikata lid-debitur, cioe lir-rikorrenti. Effettivament, fil-pink card hemm indikat li Carmen Farrugia iffirmat ghall-ittra ufficjali izda l-pustier ma meliex id-data ta' meta hija iffirmat ghall-ittra. Pero, il-pink card tindika li giet ritornata fit-18 ta' Gunju 2022 u t-timbru li jinghata mill-pustier wara l-kunsinna wkoll jindika din id-data. Il-marixxal tal-qorti iddikjara li r-rikorrenti giet notifikata fit-18 ta' Gunju 2022.

12. Ghalkemm dan il-fatt seta' jitfa' xi dubbju dwar d-data ezatta meta l-ittra giet konsenjata, dan id-dubbju gie eliminat bil-fatt li fir-rikors promotur stess ir-rikorrenti tibda biex tippremetti li ommha kienet accettat l-ittra ufficjali in kwistjoni fit-18 ta' Gunju 2022.

Konsegwentement, ma jistghax ikun hemm dubbju li d-data tan-notifika indikata fir-riferta hija korretta, u r-Registratur kien korrett li ladarba ma dahlitx risposta fit-terminu preskritt mill-ligi, jiddikjara li l-ittra ufficjali kienet giet reza ezekuttiva.

13. In oltre, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 789(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwaxort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi."*

14. Il-fattispecje tal-kaz odjern jistghu biss jaqghu taht il-paragrafu (c) stante li n-nullita tal-att gudizzju meta ma jkunx hemm id-data indikata ta' meta saret il-kunsinna tal-ittra ufficjali m'hix espressament iddikjarata mil-ligi. Pero ghar-ragunijiet fuq moghtija dan in-nuqqas ma ikkrea l-ebda pregudizzju lir-rikorrenti, li hi stess ammettiet li kellha kull opportunita li tirrispondi l-ittra fi zmien tletin (30) gurnata, u dan m'ghamlitux ghal ragunijiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' xi difett fil-mod li saret in-notifika. Fil-fatt fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid hekk: *"jiena kelli cans tletin (30) gurnata biex inwiegeb l-ittra, u dawn it-tletin (30) gurnata jiena ma wiegibthomx ghax hu kien qieghed mieghi ... ..."*[2]

15. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif is-sottomissjoni tar-rikorrenti li n-notifika tal-ittra ufficjali hija nulla tista' tigi milqugha, u konsegwentement qed tigi michuda.

[2] Ara fol. 58 tal-process.

_Intestatura Hazina tal-Ittra Ufficjali_

16. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ir-rikorrenti issottomettiet li l-ittra ufficjali hija nulla ghax minflok l-intestatura stipulata fl-Artikolu 166A(3), l-intimat ghamel biss l-intestatura stipulata fl-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22 (Avviz Legali 278 tal-2005). L-intestatura tal-ittra ufficjali in kwistjoni tghid hekk: *"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, dan isir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek illi tkellem avukat jew prokuratur legali."* Min-naha l-ohra l-Artikolu 166A(3) jippreskrivi hekk:

*"(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha <u>taħt piena ta' nullità</u> intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ... ..."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

17. Fis-sentenza **Carmelo sive Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** deciza fid-9 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] ikkonfermat sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fuq kwistjoni identika. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti iddeċidiet sew. Fis-sentenza appellata tagħha, hija tibda billi tiċċita kemm l-intestatura tal-ittra uffiċjali in kwistjoni, u anki d-disposizzjonijiet tar-regolament 2 tal-A.L. 278 tal-2005, u dawk tas subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12. Imbagħad tgħid li kif tajjeb irrileva l-appellat nomine fir-risposta tiegħu, jidher li meta sar l-Avviż Legali in kwistjoni l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja nesa li l-leġislatur kien diġà pprovda għal twissija permezz ta' dan is-subartikolu, u l-Avviż Legali għamlu b'diċitura differenti minn dak li kien hemm fil-liġi prinċipali. L-ewwel Qorti għarfet korrettement li skont il-każistika tal-Qrati tagħna, liġi sussidjarja ma tistax tmur kontra l-liġi prinċipali, u in sostenn ta' dan hija għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. George Pace*** *kif deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejji, 1937, u anki għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Ganni Vassallo*** *deċiża ukoll minn dik il-*

[3] *Per* Imhallef Lawrence Mintoff.

*Qorti fit-28 ta' Ġunju, 1952. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-ewwel Qorti stqarret li l-Ministru ma setax permezz ta' regolament jippreskrivi għal diċitura differenti, fejn saħansitra tali diċitura kienet soġġetta għal piena ta' nullità, u b'hekk jinnewtralizza l-liġi prinċipali, anki jekk id-differenza ma kinitx waħda ta' sustanza. Għalhekk fejn id-diċitura tat-twissija kif tinstab fl-Avviż Legali 278 tal-2005, ma kinitx taqbel ma' dik tas-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti qalet li d-diċitura tal-Avviż Legali hija pro tanto ultra vires, u konsegwentement nulla u bla effett. Din il Qorti tikkondividi pjenament il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, u tafferma għal darb'oħra l-insenjament li d-disposizzjonijiet tal-liġi prinċipali għandhom jipprevalu fuq dawk tal-liġi sussidjarja, li hekk kif hija msejħa tibqa' dejjem waħda sussidjarja.*

*... ... L-ewwel Qorti esprimiet il-fehma tagħha li fil-każ odjern id-diċitura tat-twissija kienet issegwi dak li kien preskritt taħt piena ta' nullità fis-subartikolu 166A(3) tal-Kap. 12, u hawn din il-Qorti żżid tgħid li r regolament (2) tal-Avviż Legali fil-fatt ma jipprovdi għall-ebda nullità. Għalhekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti meta għaddiet sabiex ċaħdet it-talba tal appellant għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-ittra uffiċjali."*

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-intimat jaghmel riferenza ghas-sentenza **Mike Service Station Limited vs Sam Charles Aquilina** deciza fl-1 ta' Marzu 2023 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] Jidher li f'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni pjuttost differenti u iddikjarat li t-twissija li ghandha tintuza hija dik stipulata fl-Avviz Legali u fl-ahjar ipotezi jintuzaw iz-zewg intestaturi. Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti hija tal-fehma l-posizzjoni legali korretta hija dik kif affermata mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** fuq citata, u ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi minnha. In oltre fis-sentenza ta' **Mike Service Station Limited vs Sam Charles Aquilina**, il-Qorti tal-Appell ma dahlitx fil-kwistjoni jekk ligi sussidjarja tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali, u li d-dicitura tat-twissija fl-Artikolu 166A(3) hija imposta taht piena espressa ta' nullita.

19. Fil-kaz odjern, id-dicitura tat-twissija lid-debitur ma tirriflettix fedelment dik preskritta taht piena ta' nullita fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

[4] *Per* Imhallef Lawrence Mintoff.

Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti sabiex l-ittra ufficjali tigi annullata ghax ma saritx skont il-forma stabbilita fil-ligi ghandha tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat tal-irritwalita ta' dawn il-proceduri.

2. Tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu ibbazata fuq in-nuqqas ta' notifika skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu ibbazata fuq nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u konsegwentement, tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali bin-numru 54/2022 fl-ismijiet premessi mahruga fis-26 ta' Mejju 2022, u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5)(ii) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta.

4. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1467/2022 mahrug fl-istess ismijiet fil-31 t'Ottubru 2022 mill-Qorti Civili, Prim Awla, in esekuzzjoni tal-istess ittra ufficjali fuq indikata.

20. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti kwantu ghal terz mir-rikorrenti u zewg terzi mill-intimat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**